MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 421/2009

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Brincat Stephen**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Gunju tas-sena 2009 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u hamsa u hamsin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€255.25) rapprezentanti kuntratt dovut in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99800072. Bl-ispejjez inkluzi dak ta' tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u tal-ittra ufficjali bin-numru 3065/08 u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa 'ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi meta ssejhet il-kawza deher il-konvenut li bil-gurament tieghu ikkonferma u ammetta li l-ammont mitlub f'dina l-kawza kien dovut minnu pero` qal ukoll li dan l-ammont ma jistghax ihallsu f'daqqa peress illi kien ghaddej minn problemi finanzjarji tant li kien ghadu kemm gie *boarded out*.

Ghaldaqstant it-Tribunal, fuq ammissjoni tal-istess konvenut qieghed jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici. Konsegwentament jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' mitejn u hamsa u hamsin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€255.25) bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu tal-istess konvenut b'dan illi t-Tribunal qieghed jipprefiggi terminu ta' sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza sabiex isalda dan id-debitu amministrat permezz ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------